MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2011

Numru. 328/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Fabian Fleri**
**vs**
**Jacqueline Bugeja**
**Joseph Bugeja**
**Francis Bugeja**
**Kevin Bugeja**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Jacqueline Bugeja bint Costantino u Helen nee Vidal, mwielda Valletta nhar is-26 ta’ April 1964 u residenti Flat 2 Blokk G Entrance A Sqaq Ta’ Frakass, Birgu u detentrici tal-karta tal-identita’ numru 252764M u l-imputat Joseph Bugeja iben Frans u Jacqueline nee’ Bugeja, mwieled Mosta nhar is-7 ta’ Jannar 1988 u residenti Flat 2, Blokk G Entrance A Sqaq Ta’ Frakass, Birgu u detentur tal-karta tal-identita’ numru 49288M u l-imputat Francis Bugeja iben Frans u Jacqueline nee’ Bugeja, mwieled Pieta’ nhar is-27 ta’ Jannar 1987 u

residenti Flat 2, Blokk G Entrance A Sqaq ta' Frakass, Birgu u detentur tal-karta tal-identita' numru 119687M u l-imputat Kevin Bugeja iben Frans u Jacqueline nee' Bugeja, mwieled Pieta' nhar l-24 ta' Awwissu 1989 u residenti Flat 2 Blokk G Entrance A Sqaq Ta' Frakass, Birgu u detentur tal-karta tal-identita' numru 509789M gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

Nhar it-28 ta' Marzu 2008, ghall-habta ta' 19:00hrs fl-inhawi tal-Hawli il-Birgu volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamlu hsara f'vettura bin-numru DBN909 ta' ghamla Toyota Cami, liema hsarat huma ta' aktar minn 116.47 Euros (hamsin Lira Maltija) u anqas minn 1164.69 Euros (hames mitt Lira Maltija) ghad-dannu ta' Wael Mohamed Rabie Abdel Ghani detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 21311(A);

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebbew ghall-Wael Mohamed Rabie Abdel Ghani detenur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 21311(A) b'oggett iebes (flixkun) u kkagunalu griehi ta' natura hafifa skond ma iccertifika Dr. Ian Gauci mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid;

Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament kisru l-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi heddew u nsulentaw lil Wael Mohamed Rabie Abdel Ghani detenur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 21311(A) bi kliem;

Lil Joseph Bugeja wahdu nakkuzah ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAJ912 ta' ghamla Mercedes b'manjiera traskurata, perikoluza u bla kont.

Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi sar ricediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. J. Apap Bologna LL.D. datata 25 ta' Mejju 2007, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

Lil Jacqueline Bugeja wahedha akkuzata ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saret recidiva b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. S. Demicoli LL.D., datata 5 ta' Lulju 2007, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

Lil Francis Bugeja wahdu akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi sar ricediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. L. Quintano LL.D., datata 17 ta' April 2007, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 14 ta' April 2008 (esebit *a folio* 12 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tat-12 ta' Gunju, 2008 l-imputati iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali maghmula mill-parti civili u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw glieda li allegatament sehhet fit-28 ta' Marzu 2008, ghall-habta ta' 19.00hrs fl-inhawi tal-Hawli, il-Birgu bejn il-parti civili Wael Mohamed Rabie Abdel Ghani u l-familja Bugeja, u cioe' l-imputati, fejn kemm il-parti civili kif ukoll l-imputat Joseph Bugeja jghidu li sofrew griehi li sussegwentement gew certifikati bhala ta' natura hafifa[1]. Il-parti civili jallega wkoll li fl-imsemmija glieda gew kagunati hsarat estensivi mill-imputati fil-vettura tieghu tal-marka Toyota bin-numru tar-registrazzjoni DBN 909. Il-parti civili Wael Mohamed

[1] Ara c-certifikati medici relattivi nseriti a fol. 38 u 41 rispettivamen kif ukoll ix-xhieda tat-tobba li rrirlaxxjaw dawn ic-certifikati medici, Dr. Ian Gauci u Dr. Joseph Agius Muscat, li t-tnen xehdu waqt l-udjenza tal-1 ta' Dicembru 2008.

Rabie Abdel Ghani xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-12 ta' Gunju 2008 fejn huwa spjega li fid-data u l-hin in dizamina huwa flimkien mal-familja tieghu kienu qed jirritornaw id-dar bil-vettura taghhom meta waqt li huwa kien qed idur mar-roundabout u ghalhekk kellu d-dritta l-imputat Joseph Bugeja baqa' ghaddej b'velocita' kbira bil-vettura tieghu u kwazi laqat il-vettura tal-parti civili u hareg subghajh tan-nofs fid-direzzjoni tal-istess parti civili. Dan tal-ahhar jghid li wara li nizzel il-mara u lit-tifel u kien qed ifittex jipparkja ra lill-imputat Joseph Bugeja u nizzel it-tieqa tal-vettura tieghu u qallu sabiex darb'ohra joqghod attent kif isuq ghaliex seta' wegga' lilu u lil familja tieghu. Wael Mohamed Rabie Abdel Ghani jghid li l-imputat Joseph Bugeja beda' joffendih u jghajru u nizel lejn il-garaxx taghhom meta imbaghad nizlu t-tlett imputati l-ohra li huma omm u hut l-imputat Joseph Bugeja li bdew isawtuh u jitfghu gebel, fliexken u hadid. Il-parti civili jkompli jghid li l-imputat Francis Bugeja hareg fit-triq u waddab bott u faqa' il-windscreen tal-vettura tal-parti civili u b'silencer ta' vettura beda' jaghti fuq il-bonnet tal-istess vettura. Huwa jghid ukoll li l-imputata Jacqueline Bugeja bdiet issawtu bl-isqueezer li kellha f'idejha u huwa ma setghax ilahhaq mad-daqqiet li kien qed jaqla'. Wael Mohamed Rabie Abdel Ghani jispjega li meta ra lill-imputat Francis Bugeja diehel fil-garaxx u hiereg b'sikkina, spanner u turnavit beza' u rikeb malajr fil-vettura tieghu u saq lejn l-Ghassa. Huwa jghid li l-imputat Joseph Bugeja beda' jigri warajh u jghidlu li hadd ma kien jista' ghalihom. In kontro-ezami dan ix-xhud cahad li huwa kellu xi sikkina waqt l-incident jew li f'xi mument huwa ta daqqa ta' sikkina f'dahar l-imputat Joseph Bugeja. Diane Abdel Ghani mart il-parti civili wkoll xehdet waqt l-udjenza tat-12 ta' Gunju 2008 fejn ikkorroborat il-verzjoni tal-fatti moghtija minn zewgha.

F'dawn il-proceduri xehedu wkoll Joseph Mula[2] ir-rapprezentant tal-assikurazzjoni tal-parti civili li esebixxa d-dokumenti relattivi ghall-hsarat li gew riskontrati fil-vettura bhala konsegwenza tal-incident in dizamina u spjega li l-assikurazzjoni kienet hallset ghal dawn il-hsarat

[2] Traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 42 u 43 tal-atti processwali.

abbazi ta' polza minnha mahruga fuq din il-vettura. Xehdu wkoll PC25 John Paul Young[3] u PS 1210 James Gauci[4] li kkonfermaw li huma nzertaw kienu vicin hafna tal-post fejn sehh l-incident in dizamina fuq xoghol li ma kellu x'jaqsam xejn mal-kaz odjern meta semghu l-ghajjat u hargu barra ghaliex gew infumati li kien hemm glieda. Huma qalu li sakemm hargu il-parti civili kien lahaq telaq minn fuq il-post izda spjegaw li huma kienu elevaw l-oggetti esebiti waqt l-udjenza tal-15 ta' Ottubru 2009 u li huma mmarkati bhala Dok. Z1 liema oggetti l-parti civili indika li kienu twadbu lejh u lejn il-vettura tieghu mill-imputati.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputati rrilaxxjaw stqarrijiet[5] fejn huma lkoll cahdu li kienu kkagunaw xi  hsara fil-vettura tal-imputat u fejn hlief ghall-imputat Francis Bugeja li qal lli kien xejjer zewg daqqiet ta ponn lejn Wael Mohamed Rabie Abdel Ghani sabiex itajjarlu is-sikkina minn idejh, lkoll qalu li ma kienux messu jew attakkaw lil dan tal-ahhar. Kienet biss l-imputata Jacqueline Bugeja li ghazlet li tixhed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-7 ta' Lulju 2010 fejn wara li kkonfermat dak li qalet fl-istqarrija spjegat li hija harget barra ghaliex semghat l-ghajjat u rat li binha Joseph kien invout fi glieda ma wiehed Gharbi. Hija tghid ukoll li kull ma rat kien lil dan l-Gharbi jaghti daqqa ta' sikkina lil binha Joseph f'dahru u xejn aktar u cahdet li kienet tat xi daqqiet bl-isqueezer lil Wael Mohamed Rabie Abdel Ghani jew li hi u uliedha kienu kkagunaw hsara fil-vettura tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet finali taghha d-Difiza teccepixxi  li t-tieni imputazzjoni addebitata lill-imputati fejn huma gew akkuzati li kkagunaw feriti ta' natura hafifa lil parti civili hija legalment insostenibbli ghaliex il-Prosekuzzjoni naqset milli ggib il-prova tal-kwerela tal-parti leza liema kwerela hija rikjesta mill-ligi ghal dan ir-

[3] Traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol.  51 sa 53 tal-atti processwali.
[4] Traskrizzjoni tax-xhieda nserita a fol.  76 a 80.
[5] Inseriti a fol.  59 sa 68.

reat u liema kwerela ma tistghax tigi prezunta li tezisti f'dawn it-tip ta' procedure. Il-Qorti jidrilha li din l-eccezzjoni hija infondata u sejra kwidni tigi michuda u dan stante li l-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputati kollha tmexxiet ex ufficio mill-Pulizija Ezekuttiva skond dak li jipprovdi l-Artikolu 373 tal-Kodici Kriminali liema Artikolu jipprovdi s-segwenti:-

*'Fir-reati msemmijin fl-artikolu 370(1), l-ezercizzju tal-azzjoni kriminali jmiss lill-offiz jew ghalih lill-persuni msemmijin fl-artikolu 542, meta l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa hlief bi kwerela tal-offiz:*

*Izda meta r-reat li ghalih l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa hlief bi kwerela tal-offiz, ikun sar bi vjolenza pubblika jew flimkien ma' reat iehor li jmiss l-ordni pubbliku, jew meta, bla ma jkun hemm ebda wahda minn dawn ic-cirkostanzi, l-offiz ma jkunx mexxa l-azzjoni kriminali u ma jkunx irrinunzja espressament ghaliha fi zmien erbat ijiem minn dak in-nhar li jkun sar ir-reat, il-Pulizija Ezekuttiva tista' tmexxi l-azzjoni ex officio dwar dak ir-reat."*

Ili jsegwi ghalhekk illi l-artikolu 373 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jolqot l-azzjoni f'din il-kawza kemm ghaliex ir-reati kommessi ghandhom l-element pubbliku peress li sehhew barra t-triq u bi vjolenza pubblika kif ukoll peress li ladarba l-kwerelanti ma rrinunzjawx espressament ghaliha fi zmien erbat ijeim minn dak inhar li sehhew ir-reati, il-Pulizija Ezekuttiva setghet tmexxi l-azzjoni ex officio u ghaldaqstant, dak sottomess mill-imputati ma jreggix.

Ikkunsidrat:

Illi il-Qorti taqbel ma dak sottomess mid-Difiza in kwantu jirrigwarda il-fatt li jezisti kunfltt fil-provi bejn dak li qed isostnu l-familja Abdel Ghani min-naha l-wahda u l-familja Bugeja min-naha l-ohra izda wara li jigi ribadit li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu jwassal ghall-liberazzjoni tal-imputat tghid li jidirlha li m'ghandha l-ebda raguni il-ghala tiddubita minn dak li xehdu Wael Mohamed Rabie Abdel Ghani u martu. Fil-fehma taghhs il-verzjoni moghtija minn

dawn tal-ahhar hija kredibbli u ghandha titwemmen. L-istess haga ma tistghax tinghad ghal dak li qalu l-imputati fl-istqarrijiet taghhom u in kwantu jirrigwarda l-imputata Jacqueline Bugeja meta xehdet quddiem din il-Qorti. Il-Qorti sertghat tirriskontra diversi inkonsistenzi f'dak li qalu l-imputati fl-istqarrijiet minnhom rilaxxjati li huma s-segwenti-

*'Joseph Bugeja: 'kien hemm gharbi u nizel ghalija u kellu xi haga f'idu u gie jigri warajja u jien mort nigri gewwa l-flat u dan laqatni go dari u jien bqajt sejjer gol-flat. Minn hemm nizlu huti…'*

*Francis Bugeja: 'sa ma lhaqt inzilt isfel l-gharbi kien wasal hdejn Joseph u kellu sikkina f'idu li beda jxejjer biha u hija beda jipprova jiskansa u x' hin rani tfantas u jien dhaltlu tajtu giex daqqiet ta' ponn u tajjartlu s-sikkina minn idejh u gabarha…'*

*Kevin Bugeja: 'nzilt wara Frans u sibna lil Joseph jiggieled bl-idejn ma l-gharbi u mar Frans u xejjer zewg daqqiet ta' ponn lil gharbi u l-gharbi fetah il-bieba tal-vann u hareg sikkina…'*

*Jacqueline Bugeja: 'nzilt isfel ma Frans u Kevin u naraw lill-gharbi jsawwat lil Joseph u spiccaw fl-idejn l-gharbi u Frans. Il-mara li kien hemm ma l-gharbi bdiet tghid lil gharbi 'mhux hekk mhux hekk' ppruvajna nferquhom u bdejt nghid lil gharbi biex isuq…'*

Illi hemm fatturi ohra li jkomplu jxejnu l-kredibilita' tal-imputati bhal per ezempju il-fatt li PS 1210 James Gauci stess jistqarr li ra lil Kevin Bugeja 'b'qisu bicca njama f'idu' anke jekk meta l-Pulizija waslu 'il-bicca kienet diga grat', meta fl-istqarrijiet taghhom l-imputati, fosthom Kevin Bugeja dejjem cahdu li kellhom xi haga f'idejhom. Illi inoltre anke PC25 John Paul Young stqarr li l-imputat Joseph Bugeja'*kellu hadida f'idejh, ghidtlu biex jghatijieli,'* meta fl-istqarrijiet taghhom l-imputati u anke fix-xhieda ta' Jacqueline Bugeja dawn cahdu li qatt kellhom xi oggetti f'idejhom.

Illi inoltre s-sikkina li l-parti civili allegatament ta' daqqa biha lill-imputati qatt ma nstabet mill-Pulizija lli jinsika li din fil-fatt qatt ma ezistiet u l-imputati kienu inkonsistenti hafna fir-rakkont ta' kif l-imputat Joseph Bugeja seta' garrab il-gerha f'dahru. L-imputata Jacqueline Bugeja sahansitra tistqarr bil-gurament li hi qatt ma rat sikkina f'idejn il-parti civili li resto dejjem cahad li qatt kellu sikkina f'idu. Fir-rigward ta' din l-allegata gerha f'dahar l-imputat Joseph Bugeja jinghad illi t-tabib li ezamina lill-istess impuutat l-anqas ma seta' jiccertifika kemm kienet ricenti l-gerha peress li ma kienx hemm demm frisk.

Ikkunsidrat:

Stabbilit il-fatt li l-Qorti jidrilha li ghandha temmen il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-familja Abdel Ghani u li ghalhekk il-Prosekuzzjoni qed titqies li pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputati kollha attakkaw u kkagunaw griehi ta' natura hafifa lil parti civili irid jinghad li d-Difiza ghandha ragun li tissottometti li mix-xhieda ta' Wael Mohamed Rabie Abdel Ghani jirrizulta biss li kien l-imputat Francis Bugeja u mhux l-imputati l-ohra li kkagunaw il-hsara fil-vettura tieghu. Mix-xhieda tal-parti civili fil-fatt jirrizulta li huwa qal li l-imputati kollha bdew iwaddbu fliexken, gebel eccetera izda huwa ma jghidx li huma bdew iwadbuhom fuq jew lejn il-vettura tieghu. Huwa specifika biss in kwantu jirrigwarda l-imputat Francis Bugeja li dan waddab bott zebgha u kissirlu il-windscreen tal-vettura u li huwa mbaghad beda' jaghti b'silencer fuq il-bonnet. Una volta li jezisti dan id-dubju jekk effettivament l-oggetti mixhuta mill-imputati l-ohra gewx mixhutin lejn il-parti civili nnifsu jew inkella lejn il-vettura tieghu, il-Qorti jidrilha li dan id-dubju ghandu jimmilita favur l-imputati u kwindi huwa l-imputat Francis Bugeja wahdu li ser jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni.

Il-Qorti jidrilha li t-tielet(3) imputazzjoni tirrizulta pruvata fil-konfronti tal-imputati kollha filwaqt li r-raba' imputazzjoni tirrizulta pruvata biss fil-konfronti tal-imputat Joseph Bugeja.

Illi in kwantu jirrigwarda l-imputazzjonijiet mahruga fil-konfronti tal-imputat Joseph Bugeja wahdu l-Qorti jidrilha li l-imputazzjoni dwar sewqan perikoluz, traskurat u bla kont tirrizulta pruvata limitatament in kwantu jirrigwarda s-sewqan traskurat izda mhux in kwantu jirrigwarda s-sewqan perikoluz u bla kont. L-imputazzjoni rigwardanti r-recidiva ma tirrizultax pruvata stante li mill-atti processwali ma jirrizultax li giet esebita is-sentenza hemm imsemmija moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-25 ta’ Mejju 2007. Rigward l-imputazzjoni ta’ recidiva addebitata lill-imputata Jacqueline Bugeja wahidha l-Qorti jidrilha li din giet pruvata sal-grad rikjest mill-ligi stante li giet esebita s-sentenza relattiva a fol. 69 u 70 tal-atti processwali fejn hemm indikati l-konnotati kollha taghha li huma identici ghal dawk indikati fic-charge sheet fil-kawza odjerna u ghalhekk il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li din is-sentenza inghatat fil-konfronti tal-imputata Jacqueline Bugeja. In kwantu jirrigwarda l-imputazzjoni addebitata lill-imputat Francis Bugeja wahdu. Id-Difiza ghandha ragun tissottometti li din ma tistghax titqies li tirrizulta pruvata stante li mis-sentenza esebita a fol. 22 u 23 tal-atti processwali jirrizulta li permezz tal-imsemmija sentenza l-imputat Francis Bugeja gie liberat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sena u ghalhekk huwa ma jistghax jitqies li huwa recidiv.

Ghal finijiet ta’ piena in kwantu jirrigwarda l-imputata Jacqueline Bugeja ghalkemm il-Qorti ser titratta maghha bhala recidiva stante li dan l-addebitu jirrizulta pruvat, tenut kont tan-natura tar-reati li taghhom kienet instabet hatja f’dik is-sentenza liema reati kienu konnessi mat-traffiku u rizultanti mill-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta u tenut kont li l-Qorti jidrilha li l-involviment taghha in kwantu jirrigwarda l-glieda kien anqas minn dak ta’ ulieda, l-Qorti mhux ser timponi piena karcerarja izda wahda pekunjarja. Tenut kont tal-eta’ tal-imputati l-ohra u tal-fatt lli hadd minnhom ma huwa recidiv, u fil-kaz ta’ Kevin Bugeja huwa first time offender, il-Qorti mhux ser tapplika piena karcerarja effettiva l-anqas fil-konfronti taghhom.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 221, 338(dd), 49 u 50 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputata

Jacqueline Bugeja hatja tat-tieni(2) u t-tielet(3) imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghha u tikkundannaha multa ta' erba' mitt Ewro (€400). Il-Qorti tiddikjara lil-imputata mhux hatja tal-imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-konfronti taghha u konsegwentement tilliberaha mill-istess imputazzjonijiet.

Wara li rat l-Artikoli 221, 338(dd) u 339(1)(d) u (e) tal-Kodici Kriminali u l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat Joseph Bugeja hati tat-tieni(2), it-tielet(3), ir-raba'(4) u l-hames(5) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu, izda in kwantu jirrigwarda din l-ahhar imputazzjoni, huwa qed jinstab hati biss limitatament in kwantu jirrigwarda sewqan traskurat kif indikat aktar 'il fuq, u tikkundannah multa ta' erba mitt Ewro (€400). Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-bqija tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

Wara li rat l-Artikoli 17, 325 (1)(b), 221 u 338(dd) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat Francis Bugeja hati tal-ewwel(1), tat-tieni(2) u tat-tielet(3) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tmien(8) xhur prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' tmintax(18)-il xahar millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat Francis Bugeja mhux hati tal-bqija tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

Wara li rat l-Artikoli 17, 221 u 338(dd) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat Kevin Bugeja hati tat-tieni(2) u tat-tielet(3) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah multa ta' mitejn Ewro (€200). Il-Qorti tiddikjara lill-imputat Kevin Bugeja mhux hati tar-raba'(4) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjoni.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali l-Qorti tqieghed lill-imputati taht Protection Order skond id-digriet hawn anness.

Il-Qorti inoltre qed tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-oggetti esebiti waqt l-udjenza tal-15 ta' Ottubru 2009 u mmarkati bhala Dok. Z1.

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**ORDNI TA' PROTEZZJONI**
*(SKOND L-ARTIKOLU 412 Ċ TAL-KAP 9 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)*

**MAĠISTRAT DR . AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**ILLUM 7 T'OTTUBRU, 2011**

**PULIZIJA**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**Vs**

**JACQUELINE BUGEJA**
**JOSEPH BUGEJA**
**FRANCIS BUGEJA**
**KEVIN BUGEJA**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors

Semgħat il-Partijiet;

Wara li rat l-Artikolu 412 Ċ (4) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
Tordna Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkużati **Jacqueline Bugeja** detentrici tal-karta ta' l-identita' numru **252764M, Joseph Bugeja** detentur tal-karta ta' l-identita' numru **49288M, Francis Bugeja** detentur tal-karta ta' l-identita' numru **119687M u Kevin Bugeja** detentur tal-karta ta' l-identita' numru **509789M** taħt il-kundizzjonijiet is-segwenti:

a) Tipprojbixxi jew tirrestrinġi l-akkużati milli javviċina jew b'xi mod isegwu l-movimenti ta' Wael Mohamed Rabie Abdel Ghani u lil familja tieghu;

b) Tipprojbixxi lill-akkużati milli jikkuntattjaw jew jimmolestaw lil Wael Mohamed Rabie Abdel Ghani jew lil familja tieghu.

c) Din l-Ordni ta' Protezzjoni tibqa' fis-seħħ għal perjodu ta' **tliet (3) snin** millum.

d) Jekk mingħajr raġuni valida l-akkużati jiksru xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposti fuqhom jistghu jekk jinstabu ħatja jeħlu multa ta' elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2, 329, 37) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sitt (6) xhur jew it-tnejn li huma.

____________________

____________________

**Jacqueline Bugeja**
**Francis Bugeja**

____________________

____________________

**Joseph Bugeja Kevin Bugeja**

________________________

**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------